

Brussell, 4 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

10129/26

ECOFIN 738
UEM 216
SOC 326
EMPL 155
COMPET 685
ENV 628
EDUC 210
ENER 327
JAI 739
GENDER 66
JEUN 107
SAN 403
ECB
EIB

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

| | |
|-------------------|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPRez, Direttur |
| data meta waslet: | 3 ta' Ġunju 2026 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2026) 213 final |
| Suġġett: | Rakkomandazzjoni għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-politiki ekonomiċi, soċjali, tal-impjiegi, strutturali u baġitarji ta' Ċipru |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 213 final.

Mehmuż: COM(2026) 213 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.6.2026
COM(2026) 213 final

Rakkomandazzjoni għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar il-politiki ekonomiċi, soċjali, tal-impjegi, strutturali u baġitarji ta' Ċipru

{SWD(2026) 213 final}

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL

dwar il-politiki ekonomiċi, soċjali, tal-impjegi, strutturali u baġitarji ta' Ċipru

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 121(2) u l-Artikolu 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2024/1263 jispeċifika l-oġġettivi tal-qafas ta' governanza ekonomika, li għandu l-għan li jipromwovi finanzi pubbliċi sodi u sostenibbli, it-tkabbir sostenibbli u inklużiv u r-reżiljenza permezz ta' riformi u investimenti, kif ukoll li jipprevjeni defiċits eċċessivi tal-gvern. Ir-Regolament jistipula li l-Kunsill u l-Kummissjoni jwettqu sorveljanza multilaterali fil-kuntest tas-Semestru Ewropew f'konformità mal-oġġettivi u r-rekwiżiti stabbiliti fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Is-Semestru Ewropew jinkludi, b'mod partikolari, il-formulazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż u s-sorveljanza tal-implimentazzjoni tagħhom.
- (2) Fis-16 ta' Lulju 2025, il-Kummissjoni adottat il-proposta tagħha għal regolament li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali kif ukoll għall-agrikoltura u l-qasam rurali, għas-sajd u l-affarijiet marittimi, għall-prosperità u għas-sigurtà għall-perjodu 2028–2034 u li jemenda r-Regolament (UE) 2023/955 u r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 ⁽²⁾. Il-proposta għandha l-għan li żżid l-effettività tal-finanzjament tal-Unjoni billi tnaqqas il-frammentazzjoni tal-arkitettura finanzjarja u li tappoġġa lill-Istati Membri fil-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tagħhom skont l-Artikolu 175 TFUE.
- (3) Fil-25 ta' Novembru 2025, il-Kummissjoni adottat opinjoni dwar l-abbozz ta' pjan baġitarju tal-2026 ta' Ċipru. Fl-istess data, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija tal-2026, li fih ma identifikatx lil Ċipru bħala wieħed mill-Istati Membri li għalihom tkun meħtieġa analiżi fil-fond. Il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal

¹ Ir-Regolament (UE) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 (ĠU L, 2024/1263, 30.4.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1263/oj>)

² Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, kif ukoll għall-agrikoltura u l-qasam rurali, għas-sajd u l-affarijiet marittimi, għall-prosperità u għas-sigurtà għall-perjodu 2028–2034 u li jemenda r-Regolament (UE) 2023/955 u r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 - COM(2025) 565 final. Ir-Regolament propost bħalissa huwa s-suġġett ta' negozjati mal-koleġislaturi.

rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro ⁽³⁾, rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kapital uman fl-Unjoni Ewropea, u proposta għar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2026, li janalizza l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro fil-21 ta' April 2026, u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi u r-Rakkomandazzjoni dwar il-kapital uman fid-9 ta' Marzu 2026.

- (4) Fid-29 ta' Jannar 2025, il-Kummissjoni ppubblikat il-Boxxla għall-Kompetittività, qafas strateġiku li għandu l-għan li jagħti spinta lill-kompetittività globali tal-Unjoni matul il-5 snin li ġejjin. Din tidentifika t-tliet imperattivi trasformattivi tal-innovazzjoni, id-dekarbonizzazzjoni u l-kompetittività, u s-sigurtà bħala pilastru kritiċi għat-tkabbir ekonomiku sostenibbli. Is-Semestru Ewropew huwa allinjat mal-Boxxla għall-Kompetittività, li jiżgura li l-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri jkunu konsistenti mal-oġettivi strateġiċi tal-Kummissjoni, u li fil-governanza ekonomika jinħoloq approċċ unifikat li jrawwem it-tkabbir sostenibbli, l-innovazzjoni u r-reżiljenza madwar l-Unjoni.
- (5) Fl-2026, is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika qed ikompli jiżviluppa biswit l-istadju finali tal-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) ⁽⁴⁾. Il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza (RRPs), flimkien mal-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni, kienu essenzjali għat-tweqqif tal-prijoritajiet ta' politika fl-ambitu tas-Semestru Ewropew, billi l-pjanijiet kienu meħtieġa biex jindirizzaw b'mod effettiv l-isfidi kollha jew subsett sinifikanti minnhom identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż maħruġa f'ċikli reċenti, u l-programmi ffinanzjati mill-politika ta' koeżjoni Ewropea kienu meħtieġa jqisu r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż. Hekk kif l-RRF wasslet fl-aħħar taċ-ċiklu tal-ħajja tagħha, jibqa' essenzjali li jiġu sostnuti r-riformi appoġġati u implimentati fl-ambitu tagħha, b'mod partikolari dawk li jikkontribwixxu għall-indirizzar tal-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż.
- (6) Fit-3 ta' Ġunju 2026, il-Kummissjoni ppubblikat ir-rapport tal-pajjiż tal-2026 għal Ċipru. Fih ġie vvalutat il-progress ta' Ċipru fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti u ttieħed kont tal-implimentazzjoni tal-RRP ta' Ċipru. Abbażi ta' din l-analiżi, ir-rapport tal-pajjiż identifika l-aktar sfidi urġenti li qed jiffaċċja Ċipru. Huwa vvaluta wkoll il-progress ta' Ċipru fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u fil-kisba tal-miri ewlenin tal-Unjoni dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar, kif ukoll il-progress fil-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti.
- (7) Fil-21 ta' Jannar 2025, il-Kunsill, fuq il-valutazzjoni u r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, adotta Rakkomandazzjoni li tapprova l-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju ta' Ċipru ⁽⁵⁾. Il-pjan ikopri l-perjodu mill-2025 sal-2028, u jippreżenta aġġustament fiskali fuq 4 snin. Il-Kunsill irrakkomanda r-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta li ġejjin: 6,0 % fl-2025, 5,0 % fl-2026, 5,4 % fl-2027, u 4,3 %

³ ĠU C, C/2026/2434, 28.4.2026, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2026/2434/oj>

⁴ Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj>).

⁵ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Jannar 2025 li tapprova l-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju ta' Ċipru (ĠU C, C/2025/639, 10.2.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2025/639/oj>).

fl-2028, li jikkorrispondu għar-rati ta' tkabbir kumulattivi massimi kkalkulati b'referenza għas-sena bażi 2023 ta' 8,9 % fl-2025, 14,3 % fl-2026, 20,5 % fl-2027, u 25,7 % fl-2028.

- (8) Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u r-riperkussjonijiet tagħha jikkostitwixxu sfida eżistenzjali għall-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni stiednet lill-Istati Membri biex jitolbu l-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja nazzjonali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir b'mod koordinat biex jiġu appoġġati l-isforzi tal-UE biex tinkiseb żieda rapida u sinifikanti fl-infiq fid-difiża ⁽⁶⁾ u din il-proposta ntlagħget mill-Kunsill Ewropew tas-6 ta' Marzu 2025. L-Istati Membri xorta waħda jistgħu jitolbu l-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja nazzjonali fi kwalunkwe ħin sal-2028, jekk jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2024/1263.
- (9) Fit-30 ta' April 2026, Ċipru ppreżenta r-Rapport ta' Progress Annwali tal-2026 tiegħu ⁽⁷⁾, dwar l-aderenza mar-rati massimi ta' tkabbir rakkomandati tan-nefqa netta u l-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti li jirrispondu għall-isfidi ewlenin identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tas-Semestru Ewropew.
- (10) It-tkabbir tal-PDG reali fl-2025 kien ta' 3,8 % u l-inflazzjoni tal-HICP kienet ta' 0,8 %. It-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni jipprojetta li l-PDG reali jikber bi 2,3 % fl-2026 u bi 2,7 % fl-2027, u l-inflazzjoni tal-HICP se tkun ta' 3,6 % fl-2026 u 2,2 % fl-2027.
- (11) Abbażi tad-data pprovduta mill-Eurostat ⁽⁸⁾, is-surplus tal-gvern estiż ta' Ċipru naqas minn 4,1 % tal-PDG fl-2024 għal 3,4 % tal-PDG fl-2025. Abbażi ta' miżuri ta' politika magħrufa sad-data limitu tat-tbassir, it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni jipprojetta surplus ta' 2,1 % tal-PDG fl-2026 u 2,5 % tal-PDG fl-2027. It-tnaqqis fis-surplus fl-2026 jirrifletti prinċipalment l-implimentazzjoni tar-riforma ġenerali tat-taxxa fil-bidu tas-sena. Iż-żieda fis-surplus fl-2027 tirrifletti prinċipalment dħul oġhla mit-taxxa minħabba t-tmiem tat-tnaqqis tal-VAT fuq l-elettriku u l-oġġetti bażiċi, kif ukoll il-prospettiva ġenerali ta' tkabbir aħjar.
- (12) Abbażi tal-istimi tal-Kummissjoni, il-pożizzjoni fiskali ⁽⁹⁾, li tinkludi kemm in-nefqa ffinanzjata fil-livell nazzjonali kif ukoll dik iffinanzjata mill-UE, kienet espansjonarja, b'1,8 % tal-PDG, fl-2025. Hija pprojetta li tkun espansjonarja, b'0,4 % tal-PDG, fl-2026 u restrittiva b'1,2 % tal-PDG, fl-2027.
- (13) Abbażi tad-data pprovduta mill-Eurostat ⁽¹⁰⁾, id-dejn tal-gvern estiż ta' Ċipru naqas minn 62,7 % tal-PDG fi tmiem l-2024 għal 55,0 % tal-PDG fi tmiem l-2025. It-tnaqqis fil-proporzjon tad-dejn fl-2025 jirrifletti prinċipalment surplus primarju ta' 4,5 % tal-PDG flimkien mal-PDG nominali li qed jikber b'rata li hija mgħaġġla aktar mid-

⁶ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Nakkomodaw żieda fin-nefqa għad-difiża fi ħdan il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir", Brussell, 19.3.2025, C(2025) 2000 final.

⁷ Ir-Rapporti ta' Progress Annwali tal-2026 huma disponibbli fuq: https://economy-finance.ec.europa.eu/economic-and-fiscal-governance/stability-and-growth-pact/preventive-arm/annual-progress-reports_en

⁸ L-Indikaturi tal-Euro tal-Eurostat, it-22 ta' April 2026.

⁹ Il-pożizzjoni fiskali hija definita bħala kejl tal-bidla annwali fil-pożizzjoni baġitarja sottostanti tal-gvern estiż. Hija għandha l-għan li tivvaluta l-impuls ekonomiku li jirriżulta mill-politiki fiskali, kemm dawk li huma ffinanzjati fil-livell nazzjonali kif ukoll dawk li huma ffinanzjati mill-baġit tal-UE. Il-pożizzjoni fiskali titkejje bħala d-differenza bejn (i) it-tkabbir potenzjali fuq terminu medju u (ii) il-bidla fin-nefqa primarja netta mill-miżuri diskrezzjonali tad-dħul u inkluża n-nefqa ffinanzjata minn appoġġ mhux ripagabbli (għotjiet) mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u minn fondi oħra tal-Unjoni.

¹⁰ L-Indikaturi tal-Euro tal-Eurostat, it-22 ta' April 2026.

doppju tal-pagamenti tal-imgħax. Abbażi ta' miżuri ta' politika magħrufa fid-data limitu tat-tbassir, it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni jipprojetta li l-proporzjon tad-dejn għall-PDG jonqos għal 50,4 % sa tmiem l-2026 u jkompli jonqos għal 45,5 % sa tmiem l-2027. It-tnaqqis fil-proporzjon tad-dejn fl-2026 u l-2027 jirrifletti prinċipalment surplus primarju ta' 3,3 % tal-PDG fl-2026 u 3,7 % tal-PDG fl-2027. Matul dawn is-sentejn, il-PDG nominali huwa mistenni wkoll li jkompli jikber b'rata li hija darbtejn aktar mgħaġġla mill-pagamenti tal-imgħax.

- (14) Abbażi tat-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni, in-nefqa totali fid-difiża tal-gvern estiż f'Ċipru ammontat għal 1,8 % tal-PDG fl-2025 u hija pprojetta li tkun fl-istess livell fl-2026.
- (15) L-Unjoni tkompli tiffaċċja riskji ta' interruzzjonijiet fil-provvista tal-enerġija u volatilità għolja tal-prezzijiet, aggravati minn tensjonijiet ġeopolitiċi li jaffettwaw is-swieq globali taż-żejt u tal-gass. L-esperjenza miksuba mill-kriżi tal-enerġija tal-2022–2023 uriet li miżuri wiesgħa u mhux immirati jinvolvu kostijiet fiskali kbar u li dawn huma soċjalment u ekonomikament ineffiċjenti. Minn mindu faqqgħet il-gwerra fil-Lvant Nofsani fi Frar 2026, Ċipru adotta miżuri ta' politika fiskali biex itaffi l-impatt tal-prezzijiet għoljin tal-enerġija fuq l-unitajiet domestiċi u d-ditti ⁽¹¹⁾. Dawn jinkludu tnaqqis mhux immirat fil-VAT fuq l-elettriku (sa Marzu 2027) u fid-dazji tas-sisa fuq il-fjuwils (minn April sa Ġunju 2026), kif ukoll sussidji mmirati lejn il-bdiewa (April u Mejju 2026), il-linji tal-ajru (minn Ġunju sa Settembru 2026) u l-industrija tat-turiżmu (April 2026). Skont it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni, il-kost fiskali ta' dawn il-miżuri huwa pprojetat li jammonta għal madwar 0,1 % tal-PDG fl-2026. Skont l-istimi tal-Kummissjoni, jekk dawn il-miżuri jibqgħu fis-seħħ sa tmiem l-2026, il-kost fiskali tagħhom ikun jammonta għal 0,3 % tal-PDG fl-2026.
- (16) Abbażi tal-kalkoli tal-Kummissjoni, in-nefqa netta f'Ċipru kibret b'9,6 % fl-2025 u bi 11,8 % b'mod kumulattiv matul l-2024 u l-2025. It-tkabbir tan-nefqa netta fl-2025 huwa oġġla mir-rata massima ta' tkabbir rakkomandata, li jikkorrispondi għal devjazzjoni ta' 1,3 % tal-PDG f'termini annwali. Meta jitqiesu l-2024 u l-2025 flimkien, ir-rata ta' tkabbir kumulattiv tan-nefqa netta hija wkoll oġġla mir-rata massima ta' tkabbir rakkomandata, li tikkorrispondi għal devjazzjoni ta' 1,0 % tal-PDG f'termini kumulattivi. Fl-istess ħin, kif innotat, il-pożizzjoni baġitarja għall-2025 kienet f'surplus, u d-dejn tal-gvern estiż kien anqas minn 60 % tal-PDG.
- (17) Abbażi tal-kalkoli tal-Kummissjoni, in-nefqa netta f'Ċipru hija pprojetta li tikber b'7,4 % fl-2026, u b'20,1 % b'mod kumulattiv matul l-2024, l-2025 u l-2026. It-tkabbir ipprojetat tan-nefqa netta fl-2026 huwa oġġla mir-rata massima ta' tkabbir rakkomandata, li jikkorrispondi għal devjazzjoni ta' 0,9 % tal-PDG f'termini annwali. Meta jitqiesu l-2024, l-2025 u l-2026 flimkien, ir-rata ta' tkabbir kumulattiva tan-nefqa netta hija wkoll ipprojetta li tkun oġġla mir-rata massima ta' tkabbir rakkomandata, li tikkorrispondi għal devjazzjoni ta' 1,8 % tal-PDG f'termini kumulattivi. Fl-istess ħin, kif innotat, il-pożizzjoni baġitarja għall-2026 hija pprojetta li tkun f'surplus, u d-dejn tal-gvern estiż huwa anqas mis-60 % tal-PDG u huwa pprojetat li jkompli jonqos.
- (18) L-involvement sistematiku sinifikanti u f'waqtu tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-sħab soċjali, is-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra jibqa' essenzjali

¹¹ Dan jirrifletti s-sitwazzjoni fid-data limitu tat-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni (4 ta' Mejju 2026).

sabiex tiġi żgurata sjiċċa wiesgħa għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-istrumenti ta' finanzjament tal-Unjoni, kif ukoll fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

- (19) L-implimentazzjoni tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni, li jinkludu appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF), il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u l-Fond ta' Koeżjoni (FK), f'Ċipru huwa oġġa mill-pass medju fil-livell tal-UE, kemm f'termini tal-għażla tal-proġetti kif ukoll tal-pagamenti. Huwa importanti li jinżamm il-momentum attwali, filwaqt li jiġi massimizzat l-impatt tal-investimenti fil-prattika. Ċipru diġà qed jieħu azzjoni fl-ambitu tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni tiegħu biex jagħti spinta lill-kompetittività u t-tkabbir. Madankollu, xi oqsma jistgħu jeħtieġu tišhih ulterjuri fl-implimentazzjoni, inklużi dawk relatati mal-immaniġġjar tal-iskart u t-trasport urban pubbliku. Huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-investimenti l-ġodda identifikati minn Ċipru fir-rieżami ta' nofs it-terminu tiegħu tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni, b'mod partikolari dawk marbuta mal-ħames prijoritajiet identifikati fir-Regolament dwar ir-Rieżami ta' Nofs it-Terminu ⁽¹²⁾, jintużaw malajr u b'mod effettiv.
- (20) L-ekosistema tar-riċerka u l-innovazzjoni ta' Ċipru għadha kkaratterizzata minn investiment baxx fir-riċerka u l-iżvilupp, valorizzazzjoni dgħajfa tal-għarfien, u rabtiet limitati bejn ir-riċerka u n-negozju. Mil-lat pożittiv, ġew adottati inizjattivi ta' finanzjament immirati permezz tal-RRF u l-politika ta' koeżjoni, u l-leġiżlazzjoni dwar il-kumpaniji spin-off ġiet adottata reċentement. Madankollu, għad hemm ostakli ewlenin, inkluż in-nuqqas ta' strateġija komprensiva fit-tul għar-riċerka u l-innovazzjoni, li jillimitaw il-kummerċjalizzazzjoni effettiva tar-riżultati fir-riċerka. L-espansjoni rapida tas-settur tat-Teknoloġija tal-Infurmazzjoni u l-Komunikazzjoni (ICT) tippreżenta opportunità għal spillovers fl-ekonomija usa', permezz ta' rabtiet aktar b'saħħithom ma' ditti domestiċi u istituzzjonijiet tar-riċerka.
- (21) L-aċċess għall-finanzjament mhux bankarju f'Ċipru huwa limitat, u b'hekk jirrestrinġi l-espansjoni tan-negozju, id-diversifikazzjoni u t-tkabbir fil-produttività. Is-self bankarju jkompli jiddomina l-finanzjament korporattiv, filwaqt li s-swieq kapitali huma sottożviluppata, b'wieħed mill-aktar livelli baxxi ta' finanzjament ibbażat fuq is-suq fl-Unjoni. Minkejja li fl-ambitu tal-RRF tnedew xi inizjattivi bħall-Fond ta' Ekwità ta' Ċipru biex jappoġġaw finanzjament alternattiv, l-iskala tal-finanzjament mobilizzat għadha limitata. B'riżultat ta' dan, ħafna ditti, b'mod partikolari dawk ġodda u innovattivi, jiffaċċjaw diffikultajiet biex jaċċessaw finanzjament adegwat. Il-livelli ta' litteriżmu finanzjarju għadhom baxxi meta mqabbla mal-medja tal-UE, u dan jillimita l-kapaċità u l-motivazzjoni tal-unitajiet domestiċi biex jinvolvu ruħhom fi strateġiji ta' investiment diversifikati. Fl-istess ħin, it-tieni pilastru tas-sistema tal-pensjonijiet għadu sottożviluppata u frammentata ħafna, u jillimita r-rwol tiegħu kemm fil-provvista tal-irtirar kif ukoll fil-provvista ta' kapital fit-tul. It-tiġi tal-pensjonijiet tax-xogħol u t-titjib tal-parteċipazzjoni tal-unitajiet domestiċi fis-swieq kapitali jistgħu jappoġġaw id-disponibbiltà ta' finanzjament fit-tul u jikkontribwixxu għal allokkazzjoni aktar effiċjenti tat-tfaddil.
- (22) Ċipru qed jiffaċċja diversi sfidi relatati mal-qafas regolatorju u amministrattiv. Minkejja li ngħata bidu għal xi passi, għad hemm ostakli għall-investiment. Il-proġetti ta' infrastruttura għadhom qed jiffaċċjaw dewmien minħabba proċeduri twal ta'

¹² Ir-Regolament (UE) 2025/1914 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2025 li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1058 u (UE) 2021/1056 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi sabiex jiġu indirizzati sfidi strateġiċi fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu.

akkwist tal-art, kapaċità amministrattiva limitata u sfidi ta' koordinazzjoni. Filwaqt li ġew adottati miżuri biex jitnaqqas il-piż amministrattiv u jittejjbu s-servizzi għall-investituri, huma meħtieġa aktar sforzi biex tittejjeb l-effiċjenza, jiġu razzjonalizzati l-proċeduri u titnaqqas il-frammentazzjoni regolatorja.

- (23) Ċipru għandu l-potenzjal biex itejjeb il-governanza tal-intrapriżi tal-istat (SOEs). Dawn l-intrapriżi għandhom rwol ċentrali f'setturi ewlenin tal-ekonomija, b'mod partikolari f'industriji kkaratterizzati minn monopolji naturali (pereż. l-elettriku, itelekomunikazzjonijiet, l-ilma, il-ġestjoni tal-ilma mormi u l-infrastruttura). Madankollu, il-governanza tagħhom għadha taħt l-istandards internazzjonali, bi dgħufijiet persistenti fl-akkontabbiltà, fit-trasparenza, fil-proċeduri tal-ħatra tal-bordijiet u fin-nuqqas ta' politika ċara ta' sjieda. L-implimentazzjoni effettiva tal-pjan ta' azzjoni adottat reċentement dwar il-governanza tal-SOEs tista' tgħin biex jiġu indirizzati dawk l-isfidi u tittejjeb il-prestazzjoni tal-SOEs, tiġi appoġġata l-modernizzazzjoni tagħhom u jissaħħaħ il-kontribut tagħhom għall-oġġettivi ta' politika strateġiċi inkluża t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali.
- (24) Ċipru jesperjenza sfidi relatati mal-effiċjenza tas-sistema tal-ġustizzja tiegħu, b'ħinijiet twal għar-risoluzzjoni tal-każijiet, livelli baxxi ta' diġitalizzazzjoni u dewmien fl-infurzar tas-sentenzi. L-implimentazzjoni ta' riforma adottata reċentement li għandha l-għan li taċċellera r-risoluzzjoni ta' ċerti każijiet permezz tal-istabbiliment tal-Qorti Marittima u tal-Qorti Kummerċjali, għadha lura u l-ebda waħda mill-qrati għadha ma bdiet topera. Il-progress fid-diġitalizzazzjoni tal-proċessi ġudizzjarji inkluż sistema komprensiva tal-każijiet u teknoloġiji diġitali tar-reġistrazzjoni tal-awdjo għadu limitat, u għad hemm ostakli fl-infurzar, li huma ta' piż fuq iċ-ċertezza legali u l-kundizzjonijiet tal-investment.
- (25) Filwaqt li Ċipru għamel progress fl-avvanz tat-tranżizzjoni tal-enerġija tiegħu, għad hemm sfidi sinifikanti. Ċipru għadu jiddependi ħafna fuq il-fjuwils fossili, biż-żejt u l-prodotti petroliferi jammontaw għal 85,2 % tal-konsum gross tal-enerġija tiegħu fl-2024. Barra minn hekk, Ċipru għandu waħda mill-akbar dipendenzi fuq l-importazzjoni tal-enerġija fl-UE (87,7 % tal-enerġija grossa disponibbli fl-2024). L-isforzi biex tiġi diversifikata l-provvista tal-enerġija billi jiġi inkluż il-gass naturali fit-taħlita enerġetika huma mxekkla minn dewmien amministrattiv persistenti fil-konstruzzjoni ta' terminal tal-gass naturali likwifikat (LNG) f'Vasilikos. Bl-istess mod, l-isforzi biex jiġu żviluppata interkonnessjonijiet tal-enerġija ma' pajjiżi ġirien waqfu ħesrem. B'mod partikolari, il-proġett tal-Great Sea Interconnector li għandu l-għan li jtemm l-iżolament fil-qasam tal-enerġija ta' Ċipru għadu affettwat minn dewmien. Id-dipendenzi esterni għoljin jagħmlu s-sorsi tal-enerġija rinnovabbli kruċjali mhux biss għad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija ta' Ċipru, iżda wkoll għat-titjib tas-sigurtà u r-reżiljenza tal-enerġija fid-dawl ta' xokkijiet esterni tal-enerġija.
- (26) Ċipru żied il-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli tiegħu, għalkemm huma meħtieġa aktar sforzi biex jiġu estiżi l-kapaċità tal-grilja u l-faċilitajiet tal-ħżin tal-enerġija sabiex tiġi ffaċilitata l-adozzjoni usa' tal-enerġija rinnovabbli. Il-kapaċità installata għall-enerġija solari u eolika kibret b'mod konsiderevoli fl-2025, u żiedet is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fit-taħlita tal-elettriku għal 27,4 %. Filwaqt li ġew introdotti miżuri biex jiġu ffaċilitati u diġitalizzati l-proċessi għall-ħruġ tal-permessi, il-konnessjoni ta' impjanti ġodda tal-enerġija rinnovabbli mal-grilja għadha affettwata minn dewmien sinifikanti. Ċipru ma għandu l-ebda sistema operazzjonali ta' ħżin tal-elettriku mingħajr fjuwils fossili. Filwaqt li qed jiġu ppjanati xi proġetti fl-ambitu tal-pjan ta' żvilupp tas-sistema ta' trażmissjoni, l-implimentazzjoni għadha fi stadju bikri. L-introduzzjoni ta' skemi ta' rinnovazzjoni tal-effiċjenza enerġetika għall-bini,

appoġġati mill-RRF u mill-politika ta' koeżjoni, kompliet tavvanza, ikkomplementata minn miżuri regolatorji mmirati lejn l-ingranaġġ tal-finanzjament privat għall-effiċjenza enerġetika. It-trasport sostenibbli għadu sfida urġenti, flimkien ma' dipendenza sħiħa fuq it-trasport tal-merkanzija bit-triq. Huma meħtieġa aktar sforzi biex jiġi żviluppat it-trasport pubbliku, tiġi estiża l-infrastruttura tal-iċċarġjar, u jiġu pprovduti inċentivi finanzjarji għall-mobbiltà sostenibbli.

- (27) Ċipru qed jiffaċċja sfidi ambjentali sinifikanti u persistenti. L-iskarsezza tal-ilma laħqet livell kritiku, bl-indikaturi tal-isfruttament tal-ilma ħelu u tal-produttività tal-ilma jpoġġu lil Ċipru fost dawk bl-aġħar prestazzjoni fl-UE. Minkejja l-isforzi fl-ambitu tal-RRF u l-politika ta' koeżjoni, l-investimenti fl-infrastruttura tal-ilma s'issa ma kinux biżżejjed biex jindirizzaw il-vulnerabbiltajiet sistemiċi relatati mal-ilma tax-xorb u t-trattament tal-ilma mormi. Bl-istess mod, il-prestazzjoni tal-immaniġġjar tal-iskart għadha lura meta mqabbla mal-miri tal-UE; pereżempju, il-ġenerazzjoni tal-iskart municiipali *per capita* ta' Ċipru hija fost l-oġġla fl-UE. Diversi miżuri adottati skont il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari tal-2021 u skont il-politika ta' koeżjoni għandhom fil-mira tagħhom it-tnaqqis tal-iskart, it-titjib tas-separazzjoni tal-iskart u ż-żieda fir-riċiklaġġ, għalkemm il-potenzjal sħiħ tagħhom għad irid jiġi rrealizzat. It-titjib tal-kapaċità amministrattiva tal-awtoritajiet lokali u distrettwali huwa wkoll kruċjali biex jiġu appoġġati l-ippjanar u l-koordinazzjoni tal-investment fl-immaniġġjar tal-ilma u tal-iskart madwar Ċipru.
- (28) Ċipru għadu vulnerabbli għal diversi riskji klimatiċi (pereżempju, nirien fis-selvaġġ, għargħar, nixfiet u erożjoni kostali), li jheddu li jagħmlu ħsara lill-bijodiversità, lir-reżiljenza tas-soċjetà u lill-ekonomija tal-pajjiż. L-istrateġija nazzjonali ta' adattament aġġornata 2025–2050 ġiet iffinalizzata fl-2025 iżda l-adozzjoni ministerjali tagħha għadha pendenti, u dan idewwem l-azzjonijiet kritiċi. Barra minn hekk, sistema ta' governanza mtejba inkluża fl-ambitu tal-istrateġija nazzjonali tista' ġġib koerenza u effettività fil-qafas istituzzjonali li jirregola l-adattament u r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima, iżda l-istabbiliment tagħha qed jiffaċċja wkoll dewmien. Azzjonijiet ulterjuri, inklużi xi wħud appoġġati mill-politika ta' koeżjoni, jiffukaw fuq l-iżvilupp ta' infrastruttura kontra l-għargħar u l-ġestjoni tar-riskju ta' nirien u diżastri. Madankollu, l-investment ta' Ċipru għall-adattament għat-tibdil fil-klima ma jissodisfax il-ħtiġijiet reali.
- (29) Fid-dawl tar-rwol kruċjali tal-kapital uman fit-tiżiħ tal-kompetittività u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni, fl-2026 il-Kunsill irrakkomanda li l-Istati Membri jieħdu azzjoni biex jindirizzaw b'mod urġenti l-isfidi strutturali relatati mal-kapital uman fl-oqsma tal-ħiliet u l-edukazzjoni, li jfixklu l-kompetittività. Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2026 indirizzati lil Ċipru jistgħu jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kapital uman fl-Unjoni.
- (30) Ċipru qed jiffaċċja diversi sfidi relatati mal-integrazzjoni tan-nisa u tal-persuni b'diżabilità fis-suq tax-xoġġol, kif ukoll fl-indirizzar tal-ispariġġ fil-ħiliet u n-nuqqas ta' ħaddiema. Għalkemm is-suq tax-xoġġol f'Ċipru għadu b'saħħtu, appoġġat minn tkabbir ekonomiku robust, fejn ir-rata tal-impjieg qabżet il-mira nazzjonali għall-2030 u l-qgħad qed ikompli jonqos, il-miżuri ta' attivazzjoni mmirati u l-politiki attivi tas-suq tax-xoġġol għadhom limitati fil-kopertura u l-effettività, b'mod partikolari għan-nisa u l-gruppi vulnerabbli. Barra minn hekk, il-kapaċità tas-Servizz Pubbliku tal-Impjieg għadha limitata u tibbenefika minn monitoraġġ, evalwazzjoni u sensibilizzazzjoni proattivi aktar b'saħħithom, appoġġati minn sistemi tal-IT aġġornati.

- (31) Ċipru jista' jkompli jsaħħaħ l-impjiegi ta' kwalità. Minkejja qgħad baxx u suq tax-xogħol dinamiku, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, b'mod partikolari sigħat twal ta' xogħol u sehem relattivament għoli ta' impjiegi b'pagi baxxi meta mqabbla mal-medja tal-UE, għadhom ta' tħassib, u jaffettwaw lin-nisa b'mod sproporzjonat. L-impatt tal-paternità fuq l-eżiti tal-impjiegi tan-nisa, flimkien ma' aċċess limitat għal servizzi ta' kura affordabbli u ta' kwalità, jillimita l-progressjoni tal-karriera u jikkontribwixxi għad-differenzi fil-pagi u fil-pensjonijiet bejn il-ġeneri. Filwaqt li inizjattivi ta' politika reċenti, inklużi inċentivi għar-reklutaġġ u miżuri li jippromwovu arranġamenti tax-xogħol flessibbli, huma passi fid-direzzjoni t-tajba, l-implimentazzjoni effettiva tagħhom, flimkien mal-appoġġ għat-tranżizzjonijiet lejn impjiegi ta' kwalità oġhla, aċċess imtejjeb għat-taħriġ f'setturi b'domanda għolja u servizzi ta' kura estiżi, jistgħu jgħinu biex tissaħħaħ l-parteciġazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol u l-kwalità tal-impjiegi.
- (32) Ċipru qed jiffaċċja sfidi relatati mat-tiħiħ tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, il-parteciġazzjoni baxxa fl-oqsma STEM u l-prestazzjoni dgħajfa fil-forniment ta' ħiliet bażiċi. Dan jikkontribwixxi għal spariġġi persistenti fil-ħiliet u f'nuqqas ta' ħaddiema, inkluż f'setturi ewlenin għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Il-parteciġazzjoni fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal żdiedet fl-ambitu tal-miżuri tal-RRF, iżda għadha baxxa aktar mill-mira tal-UE, u tillimita kemm l-iżvilupp tal-ħiliet bikrija kif ukoll il-parteciġazzjoni fis-suq tax-xogħol, filwaqt li l-edukazzjoni inklużiva għadha qed tiffaċċja sfidi sinifikanti, bl-istudenti żgħażaġħ b'diżabilità u bi bżonnijiet edukattivi speċjali għadhom qed jiffaċċjaw ostakli għall-parteciġazzjoni effettiva fl-edukazzjoni ġenerali.
- (33) Ċipru għandu lok għal titjib f'diversi sistemi ta' protezzjoni soċjali tiegħu. Filwaqt li tkabbir ekonomiku b'saħħtu għen biex jitnaqqas il-faqar b'mod ġenerali, ir-riskji tal-faqar għall-persuni akbar fl-età għadhom ferm oġhla mill-medja tal-UE minħabba introjtu inadegwat mill-pensjonijiet, b'mod partikolari għal dawk b'introjtu baxx matul il-ħajja tax-xogħol tagħhom. Fl-istess ħin, in-nuqqas ta' sistema ta' kura fit-tul komprensiva, iffinanzjata b'mod adegwat u integrata, flimkien ma' nuqqas ta' persunal u servizzi limitati bbażati fid-dar u fil-komunità, jillimita l-aċċess u jxekkel id-deistituzzjonalizzazzjoni. Il-faqar enerġetiku għadu ta' tħassib minkejja xi miżuri mmirati, u dan jirrifletti kopertura limitata u n-nuqqas ta' monitoraġġ sistematiku. Barra minn hekk, nuqqas ta' akkomodazzjoni soċjali, flimkien ma' rati għoljin ta' arretrati relatati mal-akkomodazzjoni, għadu ta' piż fuq l-unitajiet domestiċi vulnerabbli, minkejja l-iskemi ta' appoġġ reċenti u ż-żidiet ippjanati fil-provvista tal-akkomodazzjoni.
- (34) Fid-dawl tal-interkonnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji tal-Istati Membri taż-żona tal-euro u l-kontribuzzjoni kollettiva tagħhom għall-funzjonament tal-unjoni ekonomika u monetarja, fl-2026 il-Kunsill irrakkomanda li l-Istati Membri taż-żona tal-euro jieħdu azzjoni, inkluż permezz tal-RRPs tagħhom, biex jimplementaw ir-Rakkomandazzjoni tal-2026 dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro. Għal Ċipru, ir-rakkomandazzjoni (1) tgħin fl-implimentazzjoni tal-ewwel, tat-tieni u tat-tielet rakkomandazzjoni dwar iż-żona tal-euro, ir-rakkomandazzjoni (2) tgħin fl-implimentazzjoni tar-raba' rakkomandazzjoni dwar iż-żona tal-euro, ir-rakkomandazzjoni (3) tgħin fl-implimentazzjoni tas-seba', tad-disa' u tal-ħdax-il rakkomandazzjoni dwar iż-żona tal-euro, ir-rakkomandazzjoni (4) tgħin fl-implimentazzjoni tas-seba' rakkomandazzjoni dwar iż-żona tal-euro u r-rakkomandazzjoni (5) tgħin fl-implimentazzjoni tal-ħames rakkomandazzjoni dwar iż-żona tal-euro.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li Ċipru jieħu azzjoni fl-2026 u fl-2027 biex:

1. Filwaqt li jirrikonoxxi surplus tal-gvern estiż f'Ċipru, fid-dawl tad-devjazzjoni materjali rreġistrata sal-2025 u pproġettata għall-2026 mill-Kummissjoni vis-à-vis il-limitu massimu tan-nefqa netta rakkomandat, jiżgura li n-nefqa netta tirispetta r-rati massimi ta' tkabbir rakkomandati mill-Kunsill fil-21 ta' Jannar 2025. Isaħħaħ l-infiq fid-difiża u l-prontezza tad-difiża filwaqt li jiżgura l-effiċjenza fl-infiq u gradwalment jadatta l-baġit biex isostni nfiq strutturalment oġhla fid-difiża. Jiżgura li kwalunkwe miżura meħuda biex jittaffa l-impatt taż-żieda konsiderevoli fil-prezzijiet tal-enerġija tkun temporanja, immirata lejn il-protezzjoni tal-unitajiet domestiċi vulnerabbli jew lejn l-indirizzar tal-ħtiġijiet tad-ditti intensivi fl-enerġija, jippreserva l-inċentivi għall-iffrankar tal-enerġija filwaqt li jiżgura li l-kost fiskali tagħhom ikun kompatibbli mal-impjenji skont il-qafas fiskali tal-UE.
2. Jiżgura l-kontinwità tar-riformi u l-investimenti implimentati fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Isostni l-momentum tal-implimentazzjoni fl-ambitu tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni, filwaqt li jibni, fejn xieraq, fuq ir-riallokazzjoni għal prijoritajiet strateġiċi u flessibiltajiet fir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-qafas tal-politika ta' koeżjoni.
3. Isaħħaħ ir-riċerka u l-innovazzjoni billi jrawwem l-investment pubbliku u privat fir-R&Ż, itejjeb is-sinerġiji bejn ir-riċerka u n-negozju, u jadotta strateġija fit-tul għar-riċerka u l-innovazzjoni b'indikaturi u finanzjament pluriennali. Jiffaċilita d-diversifikazzjoni tal-ekonomija billi jtejjeb l-aċċess għal prodotti ta' tfaddil alternattivi u strumenti tas-suq kapitali, isaħħaħ is-sistema tal-pensjonijiet supplimentari u jżid il-litteriżmu finanzjarju. Jissimplifika r-regolamentazzjoni u jnaqqas il-piż amministrattiv. Itejjeb il-governanza tal-intrapriżi tal-istat billi permezz ta' nomina tal-bordijiet ibbażata fuq il-mertu, il-politika tas-sjeda u l-ġestjoni bbażata fuq il-prestazzjoni. Itejjeb l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja inkluż billi tkompli tidigitalizza l-flussi tax-xoġhol ġudizzjarji.
4. Inaqqas id-dipendenza ġenerali fuq il-fjuwils fossili u jkompli jiddiversifika l-provvista tal-enerġija, b'mod partikolari billi jiżviluppa interkonnexxjonijiet tal-enerġija ma' pajjiżi ġirien, iżid il-finanzjament għall-effiċjenza enerġetika, jaġġorna l-grilja tal-elettriku u l-faċilitajiet tal-ħżin tal-enerġija, u jespandi l-mobbiltà sostenibbli u t-trasport pubbliku. Itejjeb l-immaniġġjar tal-ilma, tal-ilma mormi u tal-iskart billi jżid l-investimenti fl-infrastruttura, iżid il-kapaċità amministrattiva tal-awtoritajiet lokali, jippromwovi prattiki sostenibbli tal-użu tal-ilma, u jtejjeb il-ġbir separat tal-iskart municiġjali u tal-iskart mill-imballaġġ. Itejjeb il-qafas istituzzjonali li jirregola l-adattament għat-tibdil fil-klima.
5. Jindirizza n-nuqqas ta' ħaddiema u jippromwovi l-kwalità tal-impjiegi billi jsaħħaħ il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xoġhol ta' gruppi vulnerabbli, iżid aktar il-kapaċità u l-attrazzjoni tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, jippromwovi l-apprendiment għall-adulti, isaħħaħ il-kapaċità tas-Servizz Pubbliku tal-Impjiegi u jsaħħaħ il-politiki attivi tas-suq tax-xoġhol, b'mod partikolari biex jappoġġa t-tranżizzjoni tan-nisa f'impjiegi ta' kwalità oġhla. Ikompli jżid il-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, itejjeb il-ħiliet bażiċi, u jżid il-parteċipazzjoni tal-istudenti fl-oqsma tax-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika (STEM). Jespandi d-disponibbiltà u l-kopertura tas-servizzi tal-kura fit-tul, iwessa' l-eliġibbiltà, u jnaqqas il-pagamenti għoljin mill-but. Itejjeb il-protezzjoni soċjali għall-gruppi vulnerabbli billi jipprovdi

appoġġ immirat lill-unitajiet domestiċi foqra fl-enerġija, jiżgura pensjonijiet minimi adegwati u jżid id-disponibbiltà tal-akkomodazzjoni soċjali affordabbli.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President